A.L. 36 ta' l-2002

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2002 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2002 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1994 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies - B.A. Leg. & Hum. St. - ippubblikati bħala Avviż Legali 21 ta' l-1995 li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2004 jew wara.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) Biex ikun rreġistrat fil-Kors, kandidat għandu, barra li jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', jgħaddi f'żewġ suġġetti fil-Livell Avanzat bi grad Ċ jew aħjar magħżula mill-Gruppi 1, 2, 3 jew fil-Computing/Information Technology (Grupp 4) ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola."